

32004R0048

L 7/1

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

13.1.2004

**IR-REGOLAMENT (KE) Nru 48/2004/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL  
tal-5 ta' Diċembru 2003  
dwar il-produzzjoni ta' statistika Komunitarja annwali rigward l-industrija ta' l-azzar għas-snin ta'  
riferenza 2003 - 2009**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kunsidraw it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 285(1) tiegħu,

Wara li kunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni <sup>(1)</sup>,

Wara li kunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew <sup>(2)</sup>,

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat <sup>(3)</sup>,

Billi:

- (1) L-istatistika ta' l-industrija ta' l-azzar kienet imsejsa fuq it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar (KEFA) li ġiet fit-tmiem fit-23 ta' Lulju 2002.
- (2) Ir-Regolament (KE) Nru 1840/2002 <sup>(4)</sup> tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Settembru 2002 kien adottat sabiex jiżgura il-prolongazzjoni sal-31 ta' Diċembru 2002 tas-sistema ta' l-istatistika ta' l-azzar tal-KEFA wara l-iskadenza tat-Trattat dwar il-KEFA.
- (3) Huwa meħtieġ li jiġi ssoktat il-ġbir ta' l-istatistika ta' l-industrija ta' l-azzar sabiex tiġi implimentata l-politika Komunitarja tal-futur dwar l-industrija ta' l-azzar. L-ebda sistema oħra ta' statistika eżistenti fil-livell Ewropew ma tista' tissodisfa l-meħtieġa għal din l-istatistika. Huwa għalhekk meħtieġ Regolament ġdid imsejjes fuq it-Trattat dwar il-KE rigward il-ġbir ta' l-istatistika Komunitarja dwar l-industrija ta' l-azzar.
- (4) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 tas-17 ta' Frar 1997 dwar l-istatistika Komunitarja <sup>(5)</sup> jipprovdi l-qafas ta' riferenza għad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.
- (5) Tinħtieġ fażi transitorja mis-sena 2003 sas-sena 2009 għalbiex tistabbilixxi jekk l-istatistika dwar l-azzar tistax tiġi integrata fisistemi ta' statistika oħra.
- (6) L-intrapriżi fl-industrija ta' l-azzar jeħtieġu tagħrif minn madwar id-dinja kollha dwar l-investiment u l-kapaċità sabiex jiġu stmati n-nuqqas tal-kapaċità jew il-kapaċità

żejda futuri għal klassijiet partikolari ta' prodotti ta' l-azzar. L-istatistika Komunitarja dwar l-investiment u l-kapaċità jikkontribwixxu għal *network* globali ta' tagħrif dwar il-kapaċità dinjija ta' l-azzar, organizzat taħt l-awspiċi ta' l-OECD.

- (7) L-istatistika dwar il-konsum ta' l-enerġija fl-industrija ta' l-azzar tagħti tagħrif mhux biss dwar l-użu ta' l-enerġija u l-produzzjoni fl-industrija ta' l-azzar imma b'mod indirett dwar l-emissionijiet ta' sustanzi li jniġġsu wkoll.
- (8) L-istatistika dwar id-disponibbiltà tal-ħażniet tar-ruttam tal-ħadid u ta' l-azzar hija meħtieġa sabiex isir monitoraġġ ta' l-użu ta' din il-materja prima importanti għalbiex jint-għamel l-azzar.
- (9) Il-miżuri meħtieġa sabiex jiġi implimentat dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni <sup>(6)</sup>.
- (10) Il-Kumitat tal-Programm ta' l-Istatistika ġie kkonsultat skond l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni, tal-Kunsill 89/382/KEE, *Euratom* <sup>(7)</sup>,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Objettiv**

L-għan ta' dan ir-Regolament huwa li jstabbilixxi qafas komuni għall-produzzjoni sistematika ta' l-istatistika Komunitarja rigward l-industrija ta' l-azzar għas-snin tar-riferenza 2003 - 2009.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-iskop ta' dan ir-Regolament, it-termini "statistika Komunitarja" u "produzzjoni ta' l-istatistika" għandhom jieħdu t-tifsiriet mogħtija lilhom bir-Regolament (KE) Nru 322/97.

<sup>(1)</sup> ĠU C 45 E, tal-25.2.2003, p. 154.

<sup>(2)</sup> ĠU C 133, tas-6.6.2003, p. 88.

<sup>(3)</sup> Opinjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Mejju 2003 (għadha mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali), u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2003.

<sup>(4)</sup> ĠU L 279, tas-17.10.2002, p. 1.

<sup>(5)</sup> ĠU L 52, tat-22.2.1997, p. 1.

<sup>(6)</sup> ĠU L 184, tas-17.7.1999, p. 23.

<sup>(7)</sup> ĠU L 181, tat-28.6.1989, p. 47.

## Artikolu 3

**Kamp ta' applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jkopri *data* dwar l-industrija ta' l-azzar, li hija definita bħala l-grupp 27.1 tal-klassifika ta' statistika ta' l-attivitajiet ekonomiċi fil-Komunità Ewropea (NACE Rev. 1), stabbilita bir-Regolament tal-Kunsill 3037/90/ (1).

Meta l-valur miżjud fuq il-fattur ta' l-ispiża tal-produzzjoni ta' l-intrapriżi fl-industrija ta' l-azzar ta' Stat Membru jirrappreżenta anqas minn 1 % tat-total Komunitarju, id-*data* dwar il-karatteristiċi ma għandhiex għalfejn tiġi miġbura.

## Artikolu 4

**Karatteristiċi**

Id-*data* fornita, li għandha tikkonforma mal-format iddikjarat fl-Anness, għandha jkollha x'taqsam mal-karatteristiċi ta' l-unità tat-tip ta' l-attività kif iddefiniti fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 696/93 tal-15 ta' Marzu 1993 dwar l-unitajiet ta' l-statistika għall-osservazzjoni u l-analiżi tas-sistemi tal-produzzjoni fil-Komunità (2) u għall-intrapriżi li jkollhom 50 impjegat jew iktar.

## Artikolu 5

**Riferenza għaż-żmien u l-perjodiċità**

L-Istati Membri għandhom jikkompilaw fuq bażi annwali d-*data* speċifikata fl-Anness għall-ewwel darba għas-sena 2003 u kull sena wara din sas-sena 2009.

## Artikolu 6

**Trasmissjoni tad-*data***

1. L-Istati Membri għandhom jittrasmettu lill-Kummissjoni (lill-*Eurostat*) id-*data* u l-*metadata* dwar l-industrija ta' l-azzar aggregati fuq l-unitajiet imsemmija fl-Artikolu 4. It-trasmissjoni għandha tinkludi *data* kunfidenzali skond id-dispożizzjonijiet Komunitarji eżistenti dwar it-trasmissjoni ta' *data* bla ħsara għall-kunfidenzali.

2. L-Istati Membri għandhom jittrasmettu d-*data* u l-*metadata* f'għamla elettronika. It-trasmissjoni għandha tikkonforma ma' *standard* xieraq ta' inter-kambju approvat skond il-proċedura msemija fl-Artikolu 8(2). L-*Eurostat* għandha tagħmel disponibbli dokumentazzjoni dettaljata fejn jidhru l-*standards* approvati u għandha tforni linji gwida dwar kif dawn l-*standards* jiġu implimentati skond il-ħtiġiet ta' dan ir-Regolament.

3. L-Istati Membri għandhom jittrasmettu d-*data* u l-*metadata* fi żmien sitt xhur mit-tmiem tas-sena ta' riferenza. Madankollu, skond il-proċedura msemija fl-Artikolu 8(2), il-Kummissjoni tista' testendi dan il-perjodu taż-żmien għal 12-il xahar għall-ewwel trasmissjoni lil dawk l-Istati Membri li jsibu diffikultajiet biex jimplementaw dan ir-Regolament.

(1) ĠU L 293, ta' l-24.10.1990, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, tal-31.10.2003, p. 1).

(2) ĠU L 76, tat-30.3.1993, p. 9. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1882/2003.

## Artikolu 7

**Miżuri ta' implementazzjoni**

Il-miżuri li ġejjin sabiex jiġi implimentat dan ir-Regolament, għandhom jiġu stabbiliti skond il-proċedura msemija fl-Artikolu 8(2):

- kull bidla għal-lista tal-karatteristiċi, basta li ma jiġi impost l-ebda piż addizzjonali sinifikanti fuq l-Istati Membri;
- il-formati tat-trasmissjoni u l-ewwel perjodu taż-żmien tat-trasmissjoni.

## Artikolu 8

**Proċedura**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat tal-Programm ta' l-Istatistika, stabbilit bl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 89/382/KEE, *Euratom*.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE wara li jkunu ġew ikkunsidrati d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

Il-perjodu taż-żmien imsemmi fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jiġi stabbilit għal tliet xhur.

3. Il-Kumitat għandu jadotta r-regoli tiegħu ta' proċedura.

## Artikolu 9

**Rapporti**

Fi żmien ħames snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tiegħu.

B'mod partikolari, ir-rapport għandu:

- jistma l-benefiċċi li jakkumulaw għall-Komunità, l-Istati Membri u l-provvedituri u l-utenti tat-tagħrif statistikali ta' l-istatistika prodotta f'relazzjoni ma' l-ispejjeż tagħhom;
- jistma l-kwalità ta' l-istatistika prodotta;
- jivverifika s-sinerġija ma' attivitajiet oħra Komunitarji;
- jipproponi kull bidla kunsidrata meħtieġa sabiex ittejjeb l-operat ta' dan ir-Regolament.

## Artikolu 10

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidhul fis-seħħ fil-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-5 ta' Diċembru 2003.

*Għall-Parlament Ewropew*

*Il-President*

P. COX

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

P. LUNARDI

---

## ANNEX

## DATA MSEMMIJA FL-ARTIKOLI 4, 5 U 6 LI GĦANDHA TIĠI TRASMESSA LILL-EUROSTAT

1. L-istatistika ta' kull sena rigward il-karta tal-bilanċ tar-ruttam ta' l-azzar u tal-ħadid fondut

*Unità (tunnellati metriċi)*

Kodiċi	Titolu
	Karta tal-bilanċ tar-ruttam ta' l-azzar u l-ħadid fondut
1010	Il-ħażniet fl-ewwel jum tas-sena
1020	Li jinħolqu ġewwa l-post tax-xogħol
1030	Irċevuti (1031 + 1032 + 1033)
1031	— minn sorsi fid-djar
1032	— minn Stati Membri Komunitarji oħra
1033	— minn pajjiżi terzi
1040	Total disponibbli (1010 + 1020 + 1030)
1050	Konsum totali ...
1051	... li minnu fran elettriċi
1052	... li minnu ruttam li ma jsaddadx
1060	Kunsinni
1070	Ħażniet fl-aħħar jum tas-sena (1040-1050-1060)

2. Il-Konsum tal-Karburant u ta' l-Enerġija u l-Karta tal-Bilanċ għall-Enerġija Elettrika fl-Industrija ta' l-Azzar

Parti A: L-istatistika ta' kull sena dwar il-Konsum tal-Karburant u ta' l-Enerġija imqasma waħda waħda skond it-tip ta' l-impjant (\*)

*Unità tunnellati metriċi jew Giga Joules (GJ)*

Kodiċi	Titolu	Kummenti
	Konsum tal-karburant u ta' l-enerġija	
2010	Karburanti solidi (2011 + 2012)	tunnellati metriċi
2011	Kokk	tunnellati metriċi
2012	Karburanti solidi oħra	tunnellati metriċi
2020	Karburanti likwidi	tunnellati metriċi
2030	Gass (2031 + 2032 + 2033 + 2034)	GJ
2031	Il-gass tal-kalkari tal-funderiji	GJ
2032	Il-gass ta' l-ifran tal-kokk	GJ
2033	Il-gass tal-konvertituri	GJ
2034	Gassijiet oħra	GJ
2040	Kunsinni esterni tal-gassijiet tal-kalkari tal-funderiji	GJ
2050	Kunsinni esterni tal-gassijiet tal-konvertituri	GJ

(\*) Impjanti li jħejju tagħbijiet: Id-dipartimenti tal-fabbriki li jagħmlu l-pjanċi bir-rumblar  
Il-kalkari tal-funderiji u l-ifram li jagħmlu l-ħadid ta' l-elettriku. L-Istazzjonijiet li jiġġeneraw l-elettriku  
Ħwienet tat-tidwib: Impjanti oħra

Parti B: L-istatistika ta' kull sena dwar il-karta tal-bilanċ għall-enerġija elettrika fl-industrija ta' l-azzar

(Unità MWh)

Kodiċi	Titolu
	Karta tal-bilanċ għall-enerġija elettrika fl-industrija ta' l-azzar
3100	Riżorsi (3101 + 3102)
3101	Produzzjoni grossa
3102	Irċevuti minn barra
3200	Użati (3210 + 3220 + 3230)
3210	Konsum skond l-impjant (3211 + 3212 + 3213 + 3214 + 3215 + 3216 + 3217)
3211	Impjant tas-sinter u l-impjant tat-tħejjija tat-tagħbija
3212	Il-kalkari tal-funderiji u l-ifran li jagħmlu l-ħadid ta' l-elettriku
3213	Ħwienet li jdewbu bl-elettriku u tal-għoti tal-forma b'mod li jissokta
3214	Ħwienet oħra tat-tidwib u tal-għoti tal-forma b'mod li jissokta
3215	Id-dipartimenti tal-fabbriki li jagħmlu l-pjanċi bir-rumblar
3216	L-istazzjonijiet li jiġġeneraw l-elettriku
3217	Impjanti oħra
3220	Kunsinni għal barra
3230	Telf

3. L-investigazzjoni dwar l-investimenti fl-industrija tal-ħadid u ta' l-azzar  
(Nefqa u l-Kapaċità)

Parti A: Statistika ta' kull sena dwar in-nefqa

Unità (miljuni ta' EUR).

Kodiċi	Titolu
	In-Nefqa fuq l-investimenti fl-industrija tal-ħadid u ta' l-azzar
4010	Impjanti li jagħmlu l-kokk
4020	Impjanti li jħejju t-tagħbijiet
4030	L-impjanti li jagħmlu l-ħadid u l-illigi tal-ħadid (inklużi l-kalkari tal-funderiji)
4040	Ħwienet li jdewbu l-azzar
4041	... li minnhom huma bl-elettriku
4050	Il-għoti tal-forma b'mod li jissokta
4060	Il-fabbriki li jagħmlu l-pjanċi bir-rumblar (4061 + 4062 + 4063 + 4064)
4061	Prodotti ċatti
4062	Prodotti twal
4063	Fabbriki li jagħmlu l-istrixxi wesgħin kiesħa
4064	L-isatallazzjonijiet tal-kisi
4070	Impjanti oħra
4100	Total ġenerali (4010 + 4020 + 4030 + 4040 + 4050 + 4060 + 4070)
4200	... li minnu sabiex jikkumbatti l-inkwinament

## Il-Parti B: L-istatistika ta' kull sena dwar il-kapaċità

Unità 1 000 tunnellata metrika kull sena.

Kodiċi	Titolu
	Il-Produzzjoni massima possibbli fl-industrija tal-ħadid u ta' l-azzar (il-kapaċità)
5010	Il-kokk
5020	It-tnejn tat-tagħbija
5030	Hadid mhux maħdun ħiereġ mill-kalkara u illigi tal-ħadid
5040	Azzar mhux maħdum
5041	— li minnu ta' l-elettriku
5042	— li minnu tal-għoti tal-forma b'mod issoktat
5050	Prodotti miksuba direttament bir-rumblar bis-sħana (5051 + 5052)
5051	Prodotti ċatti
5052	Prodotti twal
5060	Prodotti miksuba mill-prodotti tar-rumblar bis-sħana (minbarra l-prodotti miksija)
5061	... li minnhom hemm prodotti miksuba bir-rumblar kiesaħ
5070	Prodotti miksija